TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

**Talba CCT 16/24/F**

**Gabriel Cortis**

**vs**

**Mark Muscat**

Illum, 20 ta' Mejju 2024

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-22 ta' Jannar 2024 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-Intimat fis-27 ta' Frar 2024;

Ra d-dokumentazzjoni eżebita mill-Partijiet;

Sema' x-xhieda tal-partijiet;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-Talba tiegħu, ir-rikorrent qed jitlob li l-intimat jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' **tlett elef u ħames mitt Euro (€3,500)** mill-Intimat. Jgħid li huwa inkariga lill-intimat sabiex jagħmel xogħol ta' *polishing* tal-art tad-dar

tiegħu li kienet magħmula minn madum tradizzjonali Malti tas-siment iżda dan ix-xogħol ma sarx skont l-arti u s-sengħa għax il-madum spiċċa b'ħafna grif, avariji bejn parti u oħra u sar jittabba' mix-xejn, meta suppost l-intimat kien applika lega protettiva. Ir-rikorrent jispjega li kull meta prova jkellem lill-intimat dan jew ma kienx jaqbdu u saħansitra blokkjah. Qatt ma mar fuq il-post sabiex jivverifika l-ilment tar-rikorrent. Ir-rikorrent jispeċifika li l-prezz li kien ħallas għal xogħol l-intimat kien ta' ħames mija u ħamsin Euro (€550) iżda qed jippretendi ukoll kumpens tenut kont l-inkonvenjenza kkawżata.

Illi permezz tar-Risposta tiegħu, l-Intimat jikkontesta t-Talba tar-Rikorrenti billi jgħid li x-xogħol ġie intraprendut minnu skont is-sengħa u l-arti minn naħa tiegħu iżda kien hemm għadd ta' difetta fil-manifattura tal-madum u kif kien imqiegħed. Jispjega l-preżenza ta' grif fil-wiċċ tal-madum għall-fatt li wara li lesta hu, kien għad hemm ħaddiema oħrajn qed jaħdmu fil-post jew inkella ġew ikkawżati meta ġew imkaxkra xi oġġetti tqal.

Illi skond il-prinċipji ġenerali tad-dritt in materja ta' adempjenza kuntrattwali, l-appaltatur, kif f'dan il-każ huwa l-Intimat, għandu jassikura li x-xogħol lilu kommess ikun ser isir utilment u mhux b' mod li juri difetti jew li addirittura jiddanneġġju l-proprjetà tal-konsumatur. L-obbligu primarju jibqa' dejjem li "l-appaltatur hu obbligat jeżegwixxi l-opra miftehma skond is-sengħa" (Kollez. Vol. XLI P II p 892). Dan fis-sens li *"l' imprenditore ha l' obbligo di eseguire bene l' opera commessagli secondo i dettami dell' arte suo, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria"* (Kollez. Vol. XXVII P I p 374).

Illi mir-ritratti eżebiti minn entrambi l-partijiet, it-Tribunal jifhem li ċerti difett fil-madum, bħal per eżempju kulur inkonsistenti u lega tal-kulur irqieqa wisq huma tabilħaqq dovuti għall-manifattura tiegħu biss madankollu, ma jistax ma jinnotax li huwa ċar li l-wiċċ tal-art fil-preżent għandha ħafna grif fond ċirkolari li fuq bażi ta' probabbilità, huwa konsistenti mal-proċess tal-*polishing* mhux magħmel sewwa, fejn possibilment ma ntużax apparat idoneju jew ta' kwalità tajba. Verament, jista' jkun li ankè li kieku l-proċess tal-*polishing* sar aħjar l-art xorta ma kienitx ser tkun mija fil-mija perfetta iżda ċertament, l-intervent tal-intimat kompla jiggrava s-sitwazzjoni.

Illi għalhekk, dak li qed jitlob ir-Rikorrent jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tiegħu bħala konsumatur għax hu, ladarba inkariga persuna teknika sabiex

jagħmel ix-xogħol fid-dar tiegħu, kellu kull dritt li jippretendi li dan ix-xogħol isir sewwa u *multo magis* li ma ssirx ħsara derivanti minnu.

Illi għalhekk, wara li qies sewwa l-provi kollha, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-t-talba tar-rikorrent għandha tiġi akkolta u in kwantu ta' rimedju, ser jordna lill-intimat jirrifondi s-somma ta' ħames mija u ħamsin Euro (€550) li tħallas mir-rikorrent u fiċ-ċirkostanzi, partikolarment minħabba li ma wera l-ebda riżolta li jirrimedja l-problema, ai termini tal-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal sejjer ukoll jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-Rikorrent is-somma ta' mit Euro (€100) in linea ta' danni morali tenut kont l-inkonvenjenza kkawżata.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiddikjara li x-xogħol magħmul mill-Intimat Mark Muscat fir-residenza tar-Rikorrent ma sarx skont l-arti u s-sengħa, jilqagħha *in parte* u jordna hekk:**

**Jikkundanna lill-Intimat sabiex iħallas lir-Rikorrenti s-somma somma ta' ħames mija u ħamsin Euro (€550);**

**Jikkundanna ukoll lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrent is-somma addizzjonali ta' mitt Euro (€100) bħala danni morali.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tar-Rikorrenti.**

**L-imgħax jgħodd minn din is-sentenza.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***